MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2015

Numru. 312/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Mohamed Rajab Ali Alsagheer**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Mohamed Rajab Ali Alsagheer ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Rajab Alsagheer, imwieled Tripli, Libja fid-9 ta' Gunju 1992 u residenti gewwa fond mhux maghruf, detentur tal-passaport Libjan bin-numru HHR7R14Z u numru tal-Pulizija 18358/15, talli nhar id-19 ta' Marzu 2015, ghall-habta tal-5.00 ta' filghaxija gewwa il-lokalità tal-Marsa:-

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa numru ta' persuni taht l-età u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar fil-pubbliku, jew f'lok espost ghall-publiku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Isaac Grech u Ruven Galea u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa, u dan skond ma' ccertifikaw Dr. Lorna Attard M.D. (Reg. No. 3458) u Dr. Eloise Caruana M.D. (Reg No. 5414) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab hebb ghall-diversi persuni ohra fosthom Brandon Cassar, Redeimen Aquilina, Alexandia Galea, Jake Ryan u Oksana Bugeja sabiex jingurjhom, iddejjaqhom jew jaghmilhom il-hsara, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab f'sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra diversi persuni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil Redeimen Aquilina, Ruven Galea, Jake Ryan, Isaac Grech, Oksana Bugeja, Brandon Cassar u Alexandria Galea biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra il-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 395 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuni iktar 'l fuq imsemmija kif ukoll ghall-familjari taghhom u rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament: (i) il-fedina penali ta' l-imputat Dok. "A"; (ii) fotokopja tal-passaport ta' l-imputat Dok. "B", (iii) il-kunsens tal-Avukat Generali Dok. "C", (iv) *warning and termination notice* mahruga lill-imputat mill-Marsa Open Centre Dok. "D", (v) rapport tal-Pulizija dwar dan l-incident Dok. "E", (vi) stqarrija rilaxxjata milll-imputat Dok. "F", (vii) certifikat mediku pertinenti ghal Isaac Grech Dok. "G" u (viii) certifikat mediku pertinenti ghal Ruven Galea Dok. "H";

Rat illi l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti a

tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni orali dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza u hadet konjizzjoni tal-fatt li hemm suggeriment kemm da parte tal-Prosekuzzjoni u anki tad-Difiza li kemm il-darba tigi imposta piena karcerarja, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Trattament sabiex jindirizza l-problema li ghandu tax-xorb. Hadet konjizzjoni wkoll tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

L-imputat qed jigi akkuzat talli nhar id-19 ta' Marzu 2015, ghall-habta tal-5.00 ta' filghaxija gewwa il-lokalità tal-Marsa: (1) b'eghmil zieni, ikkorrompa numru ta' persuni taht l-età u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar fil-pubbliku, jew f'lok espost ghall-publiku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Isaac Grech u Ruven Galea u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa, u dan skond ma' ccertifikaw Dr. Lorna Attard M.D. (Reg. No. 3458) u Dr. Eloise Caruana M.D. (Reg No. 5414) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (4) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab hebb ghall-diversi persuni ohra fosthom Brandon Cassar, Redeimen Aquilina, Alexandia Galea, Jake Ryan u Oksana Bugeja sabiex jingurjhom, iddejjaqhom jew jaghmilhom il-hsara, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (5) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab f'sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (6) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra diversi persuni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (7) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil Redeimen Aquilina, Ruven Galea, Jake Ryan, Isaac Grech, Oksana Bugeja, Brandon Cassar u Alexandria Galea biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra il-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (8) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Fid-dawl tal-ammissjoni u fid-dawl tal-fatt li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza, issibu hati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien akkuza dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat li huma minnu ammessi kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandhom problema ta' xorb li jehtieg li tigi indirizzata.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 203 (1), 215, 221, 251B, 338 (ee), 338(ff), 339 (b) u 339(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat izda ssibu hati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien akkuza dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' sena (1) prigunerija effettiva bla rekluzjoni.

Inoltre l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Trattament a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-perjodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza u dana wara li l- fissret lill-imputat bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u x'inhuma l-kundizjonijiet jew rekwiziti li jrid jikkonforma ruhu maghhom u l-istess imputat wera li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk iridx li jinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem, ossia fil-lingwa Gharbija, izda l-imputat iddikjara li jirrinunzja ghal tali dritt peress illi huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li inghatatlu tas-sentenza fil-hin li nqrat fil-Qorti bil-miftuh.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------